MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Numru 795/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Teresa Magro**
**Joseph Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Teresa Magro ta’ 41 sena, bint Emmanuel Schembri u Annunziata nee’ Calleja mart Joseph Magro imwielda Tarxien fil-5 ta’ Dicembru 1963 detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru 14464M residenti nru 24, Triq Guzi Abela, Zejtun.

Joseph Magro ta' 38 sena, iben Lewis u Josephine nee' Magri, imwieled Pieta' fis-6 t' April 1967 detentur ta' karta tal-identita' nru 158267M residenti Nru 24, triq Guzi Abela Zejtun gew akkuzati talli:

f'dawn il-Gzejjer fl-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun fl-1 ta' Gunju 2005, bil-hsieb li jaghmlu hsara Michael Fenech akkuzawh quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kienu jafu li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-artiklu 101 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ukoll talli f'dawn il-gzejjer fl-istess jum hin lok u cirkostanzi, bil-qerq holqu jew gieghelu li jidher donnu hemm fatt jew cirkustanza, sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkun jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra Michael Fenech bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja b'reat u dan bi ksur tal-art 110(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputati u l-parte civile Michael Fenech illum ippacifikat ruhha u f'dan ir-rigward ghamel referenza a fol. 36 tal-Process fejn

l-istess parte civile Michael Fenech kien xehed u qal: “Nghid illi jien illum nixtieq niddikjara illi m’ghandix interess aktar f’din il-kawza. Niddikjara ukoll li qieghed nahfer lill-imputati dwar l-akkadut.”

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 101 u 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Teresa Magro u Joseph Magro, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata Teresa Magro u l-fedina penali kwazi netta ta’ l-imputat Joseph Magro u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputati Teresa Magro u Joseph Magro taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputati Teresa Magro u Joseph Magro ihallsu minnufih bejniethom f’partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ sittax-il liri Maltin (Lm16) rappresentanti l-ispejjes inkorsi f’din il-kawza rigward Traduzzjonijiet.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Teresa Magro u Joseph Magro l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------